MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Numru. 1246/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**

**KONTRA**

**ANTON VASSALLO ta’ 33 sena, iben Carmelo u Rose Marie nee’ Pullicino, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-23 ta’ Settembru, 1978, residenti fil-fond 107, St Joseph, Triq Felice, Zabbar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 495978M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Anton Vassallo** li gie akkuzat talli:

Fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Settembru, 2002, f’Hal-Tarxien, ikkommetta serq ta’ flus kontanti u affarijiet ohra

mill-Kazin tal-Partit Nazzjonalista, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, u l-valur li ma jeccedix l-elf lira (Lm1,000.00), sar ghad-dannu ta' Joseph Bondin minn Hal-Tarxien u/jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tiskorri l-ghaxar liri (Lm10.00) izda hija inqas minn hamsin lira (Lm50.00), saret ghad-dannu ta' Joseph Bondin minn Hal-Tarxien u/jew persuni ohra;

U fl-ahhar nett talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 18 ta' Dicembru, 2001, sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 18 ta' Ottubru, 1999; 1 ta' Frar, 2000; 18 ta' April, 2000; 21 ta' Lulju, 2000; 21 ta' Jannar, 2002, liema sentenzi saru definittivi.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u l-kunsens ta' l-imputat ghal proceduri sommarji.

Rat li l-istess imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' tali akkuzi.

Rat l-atti kollha tal-kawza, u senjalament il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni biex jigu pruvati l-akkuzi in dezamina.

Rat ukoll li nonostante t-trapass kbir ta' zmien, ma ngabu ebda provi minn naha tad-Difiza.

Rat li l-unika provi prodotti kienu l-istqarrija ta' l-imputat li fiha ammetta l-involviment tieghu. Pero din l-istqarrija giet mehuda minghajr id-dritt ta' l-assistenza legali – allura in linea ma' sentenzi gia' moghtija minn din il-Qorti, in segwitu ta' dawk tal-Qorti Kostituzzjonali u dik Ewropea, qed jigi dikjarat illi din m'ghandha ebda valur probatorju.

Prova ohra migjuba li seta' kellha xi import fuq din id-decizjoni kienet dak li rrizulta lill-espert Joseph Mallia wara li ghamel ezami komparattiv bejn impronti digitali

elevati minn fuq ix-xena tar-reat, ma’ dawk ta’ l-istess imputat. Fil-fatt sab illi l-impronta digitali tas-saba ta’ l-imputat kienet taqbel ma’ wahda elevata minn fuq pakkett ta’ sigaretti Rothmans, misjub fuq il-counter tal-bar misruq.

Frankament, in vista’ tal-fatt illi dan il-post misruq kien bar, din il-Qorti ma tistax tkun konvinta sal-grad li trid il-Ligi li Vassallo, a bazi ta’ tali impronta, huwa hati ta’ tali serq.

Ghaldaqstant qieghda tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------